**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 3 ta' Ottubru, 2017**

Numru 4

**Rikors Guramentat Nru. 348/2016**

**Carmel sive Charles Cini**

**vs**

**Ministru ghall-Edukazzjoni u x-Xoghol**
**Dr Mateja Farrugia fil-kapacita taghha ta' President tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta u in rapprezentanza tal-istess**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tas-26 ta' April, 2016 li jghid hekk:

1. Illi diversi snin ilu r-rikorrent gie konferit b'warrant ta' ghalliem (numru 5748) wara li kien spicca l-istudji tieghu fl-Universita ta' Malta u ottjena Bacellerat fil-Kummerc, u wara li ghamel perijodu ta' tahrig u nstab mill-awtoritajiet koncernati li kien kapaci u denju li jaqdi l-funzjonijiet ta' ghalliem;

2. IIli r-rikorrent fil-fatt ghallem l-accounts f'diversi istituzzjonijiet skolasitici inkluz l-iskola sekondarja oghla Sir Mikelang Refalo;

3. Illi matul is-snin ir-rikorrent gie ukoll promoss diversi drabi wara li kull darba instab li kien jissodisfa r-rekwiziti biex jinghata tali promossjonijiet;

4. Illi fl-4 ta' Frar 2013 id-Direttur Generali tad-Direttorat ghas-Servizzi Edukattivi ipprezentat rapport lill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema, fejn il-Kunsill intalab jinvestiga l-allegata mgieba professjonali hazina, negligenza serja u inkompetenza tar-rikorrent f'xoghlu bhala ghalliem u dana ai termini tal-artikolu 31 tal-Att dwar l-Edukazzjoni;

5. Illi wara li investiga l-kaz il-Kunsill ikkompila rapport li permezz tieghu, wara li wasal ghall-konkluzjoni li l-imgieba tar-rikorrent kienet tammonta ghal imgieba professjonali hazina u inkompetenza ai termini tal-artikolu 31(1) tal-Att dwar l-Edukazzjoni, irrakkomanda lill-Ministru ghall-Edukazzjoni u x-Xoghol li tithassar ii-warrant numru 5748 tar-rikorrent skond l-artikolu 31(4) tal-Att dwar l-Edukazzjoni filwaqt li ma rrakkomandax li s-Sur Cini jigi ordnat ihallas l-ispejjez tal-investigazzjoni;

6. Illi din ir-rakkomandazzjoni hija datata 22 ta' Ottubru 2015 (ara kopja hawn annessa bhala Dokument 'A') u giet notifikata lir-rikorrent fit-28 ta' Ottubru 2015;

7. Illi permezz ta' korrispondenza ukoll datata 22 ta' Ottubru 2015 din ir-rakkomandazzjoni giet mghoddija lill-Ministru intimat illi lilu skond il-Kap. 327 tispetta d-decizjoni jekk jissospendix jew ihassar warrant bhal dik tar-rikorrenti;

8. Illi r-rikorrent qatt ma gie notifikat b'kopja ta' xi decizjoni tal-Ministru intimat fir-rigward tal-imsemmija warrant izda fil-hamsa ta' Dicembru elfejn u hmistax (05/12/2015) ir-rikorrent ircieva ittra minghand il-Kunsill dwar iI-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta (ara Dokument 'B' hawn anness) datata l-ewwel ta' Dicembru elfejn u hmistax (01/12/2015) li kienet taqra hekk: 'Following the findings of the inquiry, the Council for the Teaching Profession informs you that the Hon Minister for Education and Employment has confirmed the Council's recommendation that your teacher's permanent warrant (number 5748) be revoked and this with effect from 22nd October 2015. In accordance with article 31 (2) of the Education Act you are hereby being informed that you are no longer qualified to retain a teacher's warrant, and this in accordance with the provisions of article 31(2) of the Education Act, Chapter 327 of the Laws of Malta. You are to return your teacher's permanent warrant (5748) to the offices of the Council for the Teaching Profession Directorates of Education, Great Siege Road, Floriana';

9. Illi skond l-artikolu 32 tal-Att Dwar l-Edukazzjoni (il-Kap.327 tal-Ligijiet ta' Malta) kull persuna li thossha aggravata b'decizjoni tal-Ministru, li jkun iddecieda skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, li biha jigi sospiz jew imhassar warrant, tista', fi zmien wiehed u ghoxrin jum mill-avviz li jinghata lill-Ministru, tappella lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva;

10. Illi ghalhekk meta r-rikorrent gie infurmat bid-decizjoni li kien ha l-Ministru intimat (minghajr ma gie notifikat b'kopja tad-decizjoni tal-Ministru), l-avviz tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill jidher li kien ilu li inghata lill-Ministru ghaliex, ghad li mhux car meta l-Ministru rcieva r-rapport tal-Kunsill, dak ir-rapport gie mghoddi lill-Ministru b'ittra datata 22 ta' Ottubru 2015, u ghalhekk meta r-rikorrent gie mgharraf bjd-decizjoni tar-revoka b'ittra li huwa rcieva fil-5 ta' Dicembru 2015 diga' kien ghadda t-terminu tal-appell stabbilit mil-ligi billi bejn it-22 ta' Ottubru 2015 u l-5 ta' Dicembru 2015 kienu ghaddew oltre 21 jum u ghalhekk ir-rikorrent kien fl-impossibilita li jappella mid-decizjoni tal-Ministru u ma seta' jikkontestaha bl-ebda mod u b'hekk gie mcahhad mid-dritt tieghu ghall-access ghall-Qorti li huwa parti integrali mid-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq, u dan ukoll bi ksur tal-artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

11. Illi inoltre d-decizjoni tal-Ministru intimat kienet ibbazata fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill li kienet wahda kuntradittorja ghall-ahhar u bbazata fuq applikazzjoni retroattiva ta' regolamenti li fir-realta ma kienux u ma setghux japplikaw ghalih;

12. Illi dan qieghed jinghad ghaliex fir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill, minkejja li jinghad car u tond li l-Kunsill ma jistax isib lir-rikorrent hati ta' ksur ta' kodici ta' etika li dahal fis-sehh wara l-fatti li taw lok ghall-inkjesta fuq ir-rikorrent, il-Kunsill xorta wahda ibbaza ruhu fuq ir-regoli kontenuti f'dak il-kodici (u cioe l-Avviz Legali 414 tal-20l2) biex wasal ghar-rakkomandazzjoni tieghu, u b'hekk gie li r-rikorrent kien mistenni josserva kodici ta' etika fi zmien meta dak il-kodici kien ghadu ma jezistix u aktar minn hekk gie kkundannat a bazi ta' kodici ta' etika li ma kienx japplika ghall-esponent u li ghalhekk ir-rikorrent lanqas biss seta' jiksru, u fil-fatt gew applikati kontra r-rikorrent regoli li ma kienux in vigore fiz-zmien mertu tal-akkuzi migjuba kontra r-rikorrent;

13. Illi ghalhekk id-decizjoni li tithassar ii-warrant tar-rikorrent kienet wahda ultra vires u mehuda bi ksur u vjolazzjoni tal-ligi, li jrendi l-istess decizjoni nulla, invalida u minghajr effett;

14. Illi inoltre jirrizulta illi l-inkjesta kontra r-rikorrent tmexxiet mill-Ministru intimat, tant illi l-istess Ministeru kien rapprezentat f'dawk il-proceduri u ghamel ukoll is-sottomissjonijiet tieghu fejn bena kaz kontra r-rikorrent, filwaqt illi l-istess Ministru imbaghad kellu wkoll jiddeciedi jekk jimxix mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill jew inkella le, u ghalhekk id-decizjoni ahharija kienet tispetta lill-Ministru li kien agixxa ukoll bhala 'prosekutur' u li tramite r-rapprezentanti tieghu kien mexxa l-kaz kontra r-rikorrent;

15. IIli dan ifisser illi l-process li minnu ghadda r-rikorrent ma kienx wiehed xieraq u kien nieqes minn dawk il-garanziji ta' indipendenza u imparzjalita li huma tant bazilari ghall-principji ta' gustizzja natura li, u ghalhekk ukoll id-decizjoni li tithassar il-warrant tar-rikorrent hija wahda nulla, invalida u minghajr effett, u hija leziva ukoll tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

16. Illi inoltre l-Ministru intimat qaghad fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill li kienet manifestament erronja billi injorat fatti u provi oggettivi li jixhdu l-kompetenza tar-rikorrent, kif sejjer jintwera aktar dettaljatament fit-trattazzjoni ta' dan ir-rikors, u ghalhekk ukoll id-decizjoni li tigi revokata l-warrant tar-rikorrent kienet wahda zbaljata u manifestament irragjonevoli, u ghalhekk ukoll ghandha tithassar, u dan ukoll billi huwa assolutament inkongruwu u kuntradittorju li ghalliem jigi promoss u konfermat fil-kapacita tieghu ghal diversi snin u mbaghad habta u sabta jigi deciz li ma ghandux il-kompetenza necessarja biex jezercita l-professjoni tieghu;

17. IIli inoltre l-intimati mxew mar-rikorrent b'mod abbuziv u diskriminatorju billi filwaqt illi ghazlu li jzommu inkjesta dwar ir-rikorrent naqsu li jinvestigaw ghalliem iehor fl-istess skola minkejja rapporti li dan kienu qed jikser r-regolamenti u l-etika; u ghaliex ir-rikorrent irrapporta dwar dan il-fatt spicca biex qalaghha fuq rasu hu filwaqt li haddiehor baqa' qatt ma gie investigat;

18. Illi anzi l-investigazzjoni kollha li ghadda minnha r-rikorrent kienet xejn aktar minn kastig li huwa ha talli qeda dmiru u irrapporta incidenti li kienu qed jigru fl-iskola fejn

kien jghallem ir-rikorrent, bi ksur tal-etika minn ghalliem iehor, u dan minflok ma r-rikorrent inghata l-protezzjoni li tixraq lii xi hadd li jagixxi ta' whistleblower;

19. Illi ma ghandux ikun li bniedem jigi penalizzat talli, b'ezercizzju tal-liberta tal-espressjoni tieghu, jirrapporta nuqqas minn ghalliem iehor;

20. Illi ghalhekk l-investigazzjoni li ghadda minnha r-rikorrent kienet wahda abbuziva li jrendi d-decizjoni tat-thassir tal-warrant tieghu bhala ukoll abbuziva u msejsa fuq ragunijiet mhux xierqa;

21. Illi stante t-trattament differenti li inghata r-rikorrent id-decizjoni mpunjata ittiehdet ukoll b'diskriminazzjoni kontra r-rikorrent bi ksur tal-artikoli 41 u 45 tal-Kostituzzjoni u 14 tal-Konvenzjoni mehud in kunsiderazzjoni flimkien mal-artikoli 6 u 10 tal-Konvenzjoni u mehud in kunsiderazzjoni ukoll mal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

22. Illi bit-tnehhija tal-warrant ta' ghalliem ir-rikorrent gie zvestit ukoll minn possediment tieghu u dan bi ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea;

23. IIli l-vjolazzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni fuq imsemmija jikkostitwixxu wkoll ghemil amministrattiv null, invalidu u minghajr effett;

24. Illi b'konsegwenza ta' dan kollu d-decizjoni li tigi revokata l-warrant tal-mittent kienet wahda irragjonevoli, ultra vires, abbuziva, illegali, u mehuda bi ksur u vjolazzjoni tal-ligi, u bi ksur tal-principji ta' gustizzja naturali u bi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, u b'cahda tad-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrent;

25. IIli dan kollu ikkaguna lir-rikorrent dannu morali, tensjoni u pressjoni psikologika qawwija, u r-rikorrent sofra ukoll danni kagun tad-decizjoni msemmija;

26. Illi ghalhekk ir-rikorrent jissottometti illi rimedju effettiv f’dan il-kaz ghandu jikkonsisti fit-thassir tad-decizjoni de quo, u fil-likwidazzjoni ta' kumpens adegwat bhala dannu morali u bhala kumpens ghad-diversi vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali tal-istess rikorrent, u hlas ta' danni;

27. Illi f'dawn l-ahhar granet ir-rikorrent sar jaf ukoll illi d-decizjoni tat-tnehhija tal-warrant tieghu giet imhabbra ukoll fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Dicembru 2015 (Avviz Nru 1157) hawn annessa bhala Dokument 'C':

28. Illi minkejja li l-intimati gew debitament interpellati permezz ta' ittra ufficjali (kopja hawn annessa bhala Dokument 'D') sabiex tithassar id-decizjoni relattiva ghat-thassir tal-warrant tar-rikorrent, dawn baqghu inadempjenti;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha, salv kwalsijasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna,

1. Tiddikjara illi d-decizjoni li biha giet ordnata r-revoka tal-warrant ta' ghalliem numru 5748 (originarjament konferita fuq ir-rikorrent) kienet wahda abbusiva, illegali, irragonevoli, mehuda minghajr l-osservanza tal-principji ta' gustizja naturali, bi ksur u

vjolazzjoni tal-ligi, in bazi ta' ragunijiet mhux xierqa u b'applikazzjoni ta' regoli b'mod retroattiv, u tikkostitwixxi ghemil amministrattiv leziv tal-artikoli 39 u/jew 37 u/jew 41 u/jew 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew tikkostitwixxi ghemil amministrattiv ultra vires, kif sejjer jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Konsegwentement tiddikjara l-imsemmija decizjoni, kif komunikata lir-rikorrent bl-ittra datata 1 ta' Dicembru 2015 hawn annessa bhala Dokument 'B' u kif imhabbra fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Dicembru 2015 (Avviz Nru 1157) hawn annessa bhala Dokument 'C', bhala nulla, invalida u minghajr ebda effett fil-ligi;

3. Tiddikjara li b'effett tal-applikazzjoni tal-Artikolu 32(1) tal-Kap.327 abbinat mal-fatti kif fuq esposti, ir-rikorrent ma kellu ebda opportunita' li jappella d-decizjoni msemmija, u b'hekk ir-rikorrent gie ipprivat mid-dritt ta' access ghal tribunal indipendenti u imparzjali bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni;

4. Konsegwentement thassar u tirrevoka d-decizjoni fuq imsemmija u tordna r-reintegrazzjoni tar-rikorrent fil-pussess tal-istess warrant;

5. Tiddikjara illi bl-imsemmija decizjoni gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent taht l-artikoli 37 u/jew 39 u/jew 41 tal-Kostituzzjoni u/jew 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 6 u/jew 10 tal-Konvenzjoni Ewropea u/jew l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-istess Konvenzjoni u/jew l-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni mehud flimkien ma' xi wiehed jew aktar mill-artikoli l-ohra sostantivi appena msemmija u konsegwentement taghtih dawk ir-rimedji opportuni u necessarji sabiex hjuwa jigi pjenament ri-integrat fid-drittijiet fondamentali tieghu, inkluz billi thassar u tirrevoka id-decizjoni fuq imsemmija u tillikwida kumpens u danni favur ir-rikorrent u tikkundanna lill-intimati jew min minnhom ghall-hlas tal-istess;

6. Taghti lir-rikorrent kull rimedju iehor xieraq u opportun a tenur tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea;

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta' April 2016, u b'rizerva ta' kwalsijasi azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrent in konnessjoni mad-decizjoni surreferita inkluz ghal kwalsijasi danni ohra sofferti minnu naxxenti mill-fatti kif dikjarati f'dan ir-rikors guramentat.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi in linea preliminari, ir-rikorrent kellu rimedju ordinarju a dispozizzjoni tieghu, jigifieri appell mid-decizjoni tal-Ministru skont l-artikolu 32(1) tal-Kap. 327 (Att dwar l-Edukazzjoni), liema rimedju ma giex utilizzat minnu, minkejja li l-Kunsill intimat kien infurmah b'dan u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex il-gurisdizzjoni biex tissindika d-decizjoni mertu ta' din il-kawza:

2. Illi in linea preliminari wkoll u minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal fil-paragrafu precedenti, ir-rikorrenti ghandu jistrada l-kawza u cioe jiddikjara jekk din hix kawza kostituzzjonali jew jekk din hix kawza bbazata fuq stharrig ta' ghemil amministrattiv;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fil-mertu, l-intimati jichdu l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt minhabba r-ragunijiet li gejjin:
3a. Illi r-rikorrenti gie mpjegat mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni bhala ghalliem supply tal-primarja fl-1994. Fl-1995 gie trasferit ghall-Iskola Post Sekondarja ta' Ghawdex u fl-istess sena nghata PGCE mill-Universita ta' Malta u nhatar bhala ghalliem gradwat. Huwa baqa' jghallem l-accounts f'livell post sekondarju fl-iskola Mikelang Refalo, Ghawdex ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena;

3b. Illi f'dawn l-ghoxrin sena kien hemm numru kbir ta' rapporti u lmenti dwar kompetenza, pedagogija u metodologija, kemm mill-istudenti nnifishom, minn Senior Management Teams differenti u minn Ufficjali Edukattivi;

3c. Illi d-Dipartiment offra Iir-rikorrent diversi ghajnuniet fil-forma ta' vizti waqt il-lezzjonijiet fil-klassi, numru ta' rakkomandazzjonijiet ghal dak li jirrigwarda taghlim u sahansitra offerta ghal Extended Mentoring Programme li r-rikorrent accetta ghall-bidu. izda sfortunatament, il-livell tat-taghlim xorta ma kienx ta' livell sodisfacenti, Id-Dipartiment offra lir-rikorrenti wkoll, b'mod kunfidenzjali, counselling sessions, ghal liema sessjonijiet, ir-rikorrenti attenda darba biss. Id-Direttur Cenerali ta' dak iz-zmien kienet ukoll ikkuntatjatu, kellmitu u fethitlu ghajnejh fir-rigward tas-sitwazzjoni tieghu;

3d. Hafna mill-ilmenti kienu fuq il-metodologija tar-rikorrenti ghaliex ma kienx hemm kontroll fil-klassi, ma kienx hemm eye contact mal-istudenti, ma kienx hemm spjegazzjoni u jekk l-istudenti jistaqsu mistoqsija s-Sur Cini kien rari jirrispondi u jekk jaghti xi informazzjoni, din kienet gieli tkun zbaljata. L-istudenti kienu jipprotestaw ghax ma kienux jifhmuh u lanqas baqghu jattendu ghal-lezzjonijiet tieghu. Kienu jghaddu mill-ezamijiet ghax kienu jmorru l-privat;

3e. Illi dan kollu wassal sabiex l-istudenti ta' snin differenti kitbu numru ta' ittri ta' protesta u spiccaw ma jattendux ghal-lezzjonijiet tas-Sur Cini tant li l-iskola kellha tohloq parallel lessons biex kemm jista' jkun ittaffi l-problema;

3f. Illi tajjeb jinghad li l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327 tal-Ligijiet ta' Malta) jistabilixxi dak li jissejjah Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema u l-artikolu 27 tal-Att jaghmel lista li mhix ezawrijenti fir-rigward tal-funzjonijiet ta' dan il-Kunsill. Il-Kunsill jirregola l-prattika tal-professjoni tal-ghalliema f'Malta u fil-fatt wahda mix-xoghlijiet tieghu hija dik li jaghmel inkjesti u jinvestiga kull allegazzjoni ta' mgieba professjonali hazina, negligenza serja jew inkompetenza minn xi ghalliem;

3g. L-artikolu 31 jaghti d-dettalji dwar il-procedura adottata mill-Kunsill wara li jkun hemm rapporti kontra l-ghalliem;

3h. Il-Kunsill imbaghad jghaddi r-rakkomandazzjonijiet tieghu lill-Ministru u l-Ministru mbaghad johrog bid-decizjoni ahharija li tikkonferma dak li jkun irrizulta mill-investigazzjonijiet li jkun gharnel il-Kunsill. Persuna Ii thossha aggravata mid-decizjoni tal-Ministru tkun tista' tappella skont it-termini tal-artikolu 32 tal-Kap. 327;

3i. F'dan il-kaz, il-Kunsill, wara li sema l-partijiet kollha, ikkunsidra l-imgieba tar-rikorrenti bhala wahda li tammonta ghal mgieba professjonali hazina u inkompetenza ai termini tal-artikolu 31(1) tal-Kap. 327; kif ukoll li r-rikorrenti wera nuqqas ta' hila fil-

prattika tal-professjoni tal-ghalliema jew fit-twettiq ta' dmir jew obbligazzjoni fil-prattika ta' ghalliema kif mahsub mill-artikolu 31(2)(f);

3j. Minn din ir-rakkomandazzjoni u mid-decizjoni eventwali tal-Ministru ma kienx hemm appell min-naha tar-rikorrenti minkejja li l-Kunsill intimat infurmah permezz ta' email datata 30 ta' Ottubru 2015 fir-rigward tad-dritt li kellu ta' appell ('Dok. A') u kellu kull opportunita sabiex jaghmel dan. Ghalhekk, ir-rikorrenti ma jista' jlum lil hadd hlief lilu nnifsu u ma jistax issa jilmenta li gie pprivat mid-dritt ta' access ghal tribunal imparzjali u indipendenti u jaghmel uzu hazin minn dawn il-proceduri biex indirettament jappella mid-decizjoni tal-Ministru;

3k. Illi fir-rapport, il-Kunsill stess qed jispecifika li ghalkemm il-Kodici ta' Etika tal-Ghalliema tal-2012 kien ghadu ma dahalx fis-sehh fiz-zmien meta kien hemm l-allegazzjonijiet kontra r-rikorrent, xorta kienu japplikaw l-istess regoli izda li kienu jinsabu fil-Kodici ta' Etika tal-1988 (Avviz Legali Numru 81 tal-1988) - hawn mehmuz u mmarkat bhala 'Dok. B';

3l. Illi tajjeb li jinghad ukoll li d-Direttur Cenerali (Servizzi Edukattivi) ghadda l-ilmenti kollha li rcieva matul is-snin f'hogor il-Kunsill biex b'hekk skatta l-procedura mahsuba fil-Kap. 327 meta jkun hemm diversi lmenti u allegazzjonijiet kontra ghalliema. Imbaghad il-Kunsill, bhala entita indipendenti, utilizza l-poteri li huwa moghni bihom permezz tal-Att dwar l-Inkjesti (Kap. 273) sabiex jesegwixxi din l-investigazzjoni;

3m. Illi matul il-process kollu l-esponenti mxew strettament skont il-principji ta' gustizzja naturali u skont il-ligi u ma nkiser l-ebda artikolu minn dawk kollha msemmija fir-rikors intavolat mir-rikorrenti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ulterjuri guramentata ta' Dr Mateja Farrugia li tghid hekk:

1. Illi hija tinsab imharrka f'dina l-kawza fil-kapacita taghha tal-President tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta u dana sabiex tirrispondi ghall-lanjanzi tal-attur, liema lanjanzi izda huma effettivament diretti kontra l-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta, liema Kunsill huwa kostitwit b'ligi u b'mod partikolari permezz tal-artikolu 26 tal-Kap. 327 tal-Ligijiet tal-Malta u bhala tali l-istess Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta ghandhu jitqies bhala korp personalita guridika distinta. Konsegwentement l-attur kien obbligat li jharrek lill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta u mhux lill-President tal-istess Kunsill kif fil-fatt ghamel. Konsegwentement in kwantu diretti kontra l-esponenti t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante li hija ma hijiex il-legittima kontradittur ghall-lanjanzi tal-attur;
2. Salv kull eccezzjoni ulterjuri ohra permessa skond il-Ligi;

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza li giet istitwita mill-attur in segwitu ghal ittra datata 1 ta' Dicembru 2015 mill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema f'Malta (fol. 165 tal-process) fejn l-attur gie infurmat li l-Ministru tal-Edukazzjoni u Impjiegi kien accetta r-rakkomandazzjoni tal-istess Kunsill li l-warrant ta' teacher tal-attur jigi revokat b'effett mit-22 ta' Ottubru 2015. Din l-itttra intbaghtet wara li kienu ittiehdu passi dixxiplinari kontra l-attur quddiem il-Kunsill a bazi tal-artikolu 31(1) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327) u b'ittra tat-22 ta' Ottubru 2015 il-Kunsill kien irrakomanda t-tnehhija tal-warrant ta' teacher tal-attur (fol. 9 tal-process). L-attur fil-premessi ghat-talbiet tieghu jikkonferma li hu irceva r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fit-28 ta' Ottubru 2015. Jikkonferma wkoll li rceva l-ittra tal-Kunsill tal-1 ta' Dicembru 2015 fejn hu gie infurmat bid-decizjoni tal-Ministru fil-5 ta' Dicembru 2015.

Il-konvenuti qed isostnu illi l-attur kellu rimedju li jappella mid-decizjoni notifikata lilu fi zmien 21 jum mid-data tan-notifika skond artikolu 32 tal-Kap. 327. L-attur invece qed isostni illi hu qatt ma gie notifikat mill-Ministru bid-decizjoni tieghu izda irceva ittra tal-Kunsill tal-1 ta' Dicembru 2015 fejn gie infurmat bid-decizjoni tal-Ministru. Hu qed isostni li d-dritt tal-appell ghadu sallum ma skattax u ghalhekk ma ghandux ir-rimedju li toffri il-ligi bil-Kap. 327 u ghalhekk fetah din il-kawza ibbazata fuq ksur tal-artikolu 469A tal-Kap. 12 u ksur tal-artikoli tal-Kostituzzjoni u Kap. 317 rigward id-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni mressqa mill-konvenuti, jekk fondata, toqtol il-lanjanzi attrici billi jekk jinsab li l-attur kellu rimedju accessibbli adegwat u effettiv biex jikkontesta d-decizjoni li nehhietlu l-warrant ta' teacher u l-attur naqas li juzufruixxi minn dan ir-rimedju, ma jistax isib refugju la fl-artikolu 469A u anqas fil-provvedimenti dwar ksur ta' drittijiet fundamentali. Iz-zewg rimedji maghzula mill-attur japplikaw biss jekk kif inghad, il-ligi ma tipprovdix rimedju accessibbli, effettiv u adegwat.

Jirrizulta bhala fatt illi ittiehdu passi dixxiplinari kontra l-attur fejn l-attur kien rapprezentat ghall-ewwel minn Dr Carmelo Galea u iktar tard min Mr Franklin Barbara. Id-Direttur Generali fi hdan il-Ministeru jitqies bhala l-prosekutur li kien assistit minn Dr Charmaine Cristiano. Mix-xiehda ta' Lawrence Azzopardi, segretarju tal-Kunisll dwar il-Professjoni tal-Ghalliema jirrizulta illi r-rakkomandazzjoni u r-rapport intbaghat lil partijiet kollha u lil Ministru ghad-decizjoni tieghu u kullhadd gie notifikat. Skond l-istess xhud, fit-30 ta' Ottubru 2015 l-attur talab l-assistenza tal-Kunsill dwar dritt ta' appell. Dar sar permezz ta' email

L-attur inghata risposta fl-istess jum fejn gie riferut ghall-artikolu 32 tal-Kap. 327 (fol. 59-60 tal-process). Pero l-attur ma ressaq ebda appell. Ix-xhud zied li l-Ministru ikkonferma r-rapport fis-6 ta' Novembru 2015 u intbaghtet lil Kunsill fl-istess jum. Il-konferma ssir billi l-Ministru jiffirma fuq l-ewwel pagna tar-rapport tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill (fol. 120 tal-process). Din il-pagna ifirmata ma ntbaghtitx lil attur izda intbaghtet l-ittra tal-1 ta' Dicembru 2015 li infurmat lil attur bid-decizjoni tal-Ministru. Ix-xhud qal li t-terminu tal-appell jibda jiddekorri mid-data tar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

Dr Mateja Farrugia, President tal-Kunsill tal-Ghalliema ikkonfermat illi meta jkun hemm allegazzjoni ta' negligenza serja, imgieba hazina jew inkompetenza ta' ghalliem tiskatta procedura quddiem il-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema li jitrasforma ruhu f'Bord ta' Inkjesta. Id-dipartiment jipprezenta l-kaz tieghu u l-akkuzat jinghata l-opportunita li jiddefendi ruhu u jkun assistit. Meta jinghalqu l-provi, il-Bord tal-Inkjesta jaghmel rakkomandazzjoni bil-miktub li tintbaghat lil partijiet u lil Ministru. Hi l-prassi illi l-Ministru japprova r-rakkomandazzjoni pero ghandu l-fakolta li ma japprovax. It-terminu ghall-appell hu indikat fl-artikolu 32 tal-Kap. 327, li jghid li appell jista' jsir fi zmien 21 jum mill-avviz li jinghata lil Ministru. Ix-xhud qalet li l-avviz hu r-rakkomandazzjoni tal-Bord li tinghata lil Ministru.

Dr Charmaine Cristiano, l-avukat tal-Ministeru ghall-Edukazzjoni esebiet ittra datata 12 ta' Novembru 2015 mibghuta mill-avukat tal-attur lil Ministru tal-Edukazzjoni fejn il-Ministru gie mitlub ma jilqghax ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill ghar-ragunijiet moghtija fl-ittra (fol. 158 tal-process). Din l-ittra saret risposta ghaliha li ghalkemm

mhix datata, Dr Cristiano xehdet li ntbaghtet fid-19 ta' Novembru 2015 (fol. 159 tal-process) fejn fiha hemm indikat dwar id-dritt ta' appel tal-attur u fejn gie infurmat ukoll illi l-Ministru kien qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Ix-xhud qalet ukoll illi fil-5 ta' Dicembru 2015 l-attur rega' talab lil Ministru fejn infurmah illi hu kien gie notifikat bl-ittra tal-Kunsill tal-1 ta' Dicembru 2015 u illi hu jkun jista' jappella skond l-artikolu 32(1) tal-Kap. 327 kemm-il darba jircievi d-decizjoni tal-Ministru iffirmata minnu (fol. 166 tal-process). B'ittra tat-18 ta' Dicembru 2015 is-segretarju privat tal-Ministru irrispondih billi talbu jirrikorri ghall-istituzzjonijiet indipendenti biex jaghtu opinjoni dwar id-decizjoni.

L-attur jsostni li meta rceva r-rapport tal-Kunsill bir-rakkomandazzjoni kellem lil Franklin Barbara li kien qed jassistih fil-proceduri kif ukoll kellem avukat fi zmien ftit granet li tawh parir li t-terminu tal-appell kien jibda jiddekorri mid-data tad-decizjoni tal-Ministru notifikata lilu.

Hu jaqbel li rceva r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill fit-28 ta' Ottubru 2015 u fil-5 ta' Dicembru 2015 ircieva ittra mill-Kunsill fejn gie infurmat li l-Ministru laqa' r-rakkomandazzjoni. Hu innega li rceva l-ittra tad-19 ta' Novembru 2015 ta' Dr Cristiano. Zied li l-warrant ta' teacher inghata lilu iffirmat mill-Ministru izda rigward ir-rakkommandazzjoni in kwistjoni, il-Ministru ma baghtlu xejn li juri li jaqbel mar-rakkomandazzjoni, ghalkemm talab dan diversi drabi.

Hi l-fehma tal-Qorti illi l-attur qed jadixxi lil Qorti biex tisma l-kaz tieghu ghax id-drittijiet fondamentali gew allegatament lesi senjatament l-artikoli 37, 39, 41, u 45 tal-Kostituzzjoni u artikoli 6, 10 u artikolu 1 Protokoll 1 tal-Kap. 319 kif ukoll li sehhet vjolazzjoni taht l-artikolu 469A minhabba l-ghemil amministrattiv konsistenti fil-proceduri u rakkomandazzjoni maghmula mill-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema u aktar ghax ma skattax id-dritt ta' appell moghti lilu mill-artikolu 32 tal-Kap. 327 billi l-Ministru ghadu ma infurmahx bid-decizjoni tieghu wara r-rakkommandazzjoni maghmula lilu mill-Kunsill.

In tema legali kemm id-drittijiet protetti mill-Kostituzzjoni u l-Kap. 319 kif ukoll l-artikolu 469A tal-Kap. 12 jistghu jigu invokati mill-attur sakemm ma jigix pruvat illi l-

istess attur kellu rimedju iehor disponibbli u ma hadux. Tali rimedju pero jrid ikun adegwat u xieraq u accessibbli.

Kif qalet il-Qorti fil-process Kostituzzjonali **Ivan Gerald Zammit vs Kummissarju tal-Pulizija et**, deciz fis-27 ta' Jannar 2017, l-ewwel Qorti qalet hekk fuq l-element tar-rimedju ordinarju:

> Illi kif inghad ghadd ta' drabi, l-ezistenza ta' rimedju iehor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni ghandha tirrizulta lill-Qorti bhala stat ta' fatt attwali u oggettiv, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma tezercitax is-setghat taghha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel" minhabba l-ezistenza ta' rimedju iehor hija decizjoni fuq tali stat ta' fatt. Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirrizulta lill-Qorti bhala fatt li (kien) jezisti rimedju iehor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk ghandhiex twarrab milli tezercita s-setghat taghha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha (**Zahra vs Awtorita tal-Ippjanar**, Kost 31/05/1999 (Kollez. Vol: LXXXIII.i.179). F'kaz li ma jirrizultax li kien hemm rimedju iehor xieraq, il-Qorti trid tiehu konjizzjoni tal-ilment, u f'kaz li kien hemm rimedju iehor, il-Qorti xorta wahda jibqaghlha s-setgha li tiddeciedi li ma ccediex l-ezercizzju tas-setgha taghha;
>
> Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti ghandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-legislatur ried li jilhaq biha: jigifieri, li filwaqt li ma jithallewx isiru kawzi kostituzzjonali bla bzonn, min-naha l-ohra ma jigrix li, minhabba thaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinzamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bhal din meta jkun jidher li l-kaz huwa wiehed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali ghal dik il-persuna. Kif inghad b'ghaqal f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni ghandha dejjem tigi wzata fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja biex, min-naha l-wahda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wicchom kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem Qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jitfittxu rimedji ohrajn effettivi, u biex, min-naha l-ohra, persuna ma tigix imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta (**John Sammut vs Awtorita tal-Ippjanar et**, Kost 27/02/2003) lil min genwinament ifittex rimedju kostituzzjonali (**Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni ghall-Izvilupp ta' Malta et**, Kost 31/10/2003);
>
> Illi meta jinghad li jkun hemm rimedju iehor xieraq, dejjem ikun qieghed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jigi allegat li nkiser jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: ghandu jkun rimedju accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat (**Ara Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et**, Kost 05/04/1991 (Kollez. Vol: LXXV.i.106). M'hemmx ghalfejn li, biex jitqies bhala effettiv, ir-rimedju jintwera bhala wiehed li se' jaghti lir-rikorrent success garantit, ghaliex ikun bizzejjed li jintwera li jkun wiehed li jista' jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci (Clifton Borg vs Kummissarju tal-Pulizija, PA Kost 09/03/1996 (mhix pubblikata). Fuq kollox, ir-rimedju "ordinarju" moghti

jghodd ukoll fejn dan jinghata bis-sahha ta' ligi, imqar jekk biex jindirizza ksur ta' jedd fundamentali li diga' sehh jew li x'aktarx isehh (**Joseph Brincat et vs Policy Manager ta' Malta Shipyards et**, Kost 11/04/2011);

Illi johrog ukoll li l-ezistenza ta' rimedju "ordinarju" trid tkun murija kif imiss minn min iqanqal l-eccezzjoni. F'dan il-kaz, kienu l-intimati li qajmu l-eccezzjoni li r-rikorrent naqas li jinqeda b'rimedji ohra li kellu ghad-dispozizzjoni tieghu, u huwa ghalhekk dmir taghhom li juru li r-rikorrent tassew kellu dak ir-rimedju u li naqas li jinqeda bih;

Illi f'dan ir-rigward inghad li "Remedies must be real and practical and not theoretical or illusory, e.g. genuine fear of reprisals, intimidation. Account will be taken not only of the personal circumstances of the applicant, but the general legal and political context in which the alleged remedies operate. An unduly formalistic approach is not to be taken by the Convention organs which will apply a certain degree of flexibility. Remedies must be effective, i.e. capable of providing redress for the complaint...; the speed of the procedure may also be relevant to its effectiveness; the remedy must be capable of remedying directly the state of affairs; form part of the normal process of redress and involving normal use of the remedy...; be accessible...; offer reasonable prospects of success; a mere doubt as to the prospect of success in going to court does not exempt from exhaustion. Where case-law is unclear, contradictory or in the process of ongoing interpretation, an applicant may be expected to pursue an action or appeal which allows the courts to rule on the issues. ... Also, if there is more than one remedy available, an individual is not required to try more than one; an applicant is generally not required to try the same body again by way of a repeated request or application" (K. Reid **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights**, 3rd Edit, 2007) §I-040, pg 31-2). Fil-fehma tal-Qorti, dawn ir-regoli ghaqlin joqoghdu sewwa ghall-kaz tal-lum u b'zieda ma' dak li nghad aktar qabel;

Illi, madankollu, l-ezistenza ta' rimedju iehor trid titqies fiz-zmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiz-zmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali (**Paul McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et**, Kost 09/10/2001). M'huwiex moghti lil persuna l-beneficcju li l-ewwel thalli jghaddi ghalxejn iz-zmien li fih setghet tiehu r-rimedju ghall-ksur tal-jedd taghha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bhallikieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju in extremis li wiehed jista' jirrikorri ghalih biex isewwi zball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel (Ara **Spiteri vs Chairman Awtorita tal-Ippjanar et**, Kost 25/06/1999 (Kollez. Vol: LXXXIII.i.201);

Illi huwa mghallem ukoll li "it is not only judicial remedies which must be sought, but every remedy under national law which may lead to a decision that is binding on the authorities, including the possibility of appeal to administrative bodies, provided that the remedy concerned is adequate and effective" (Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak **Theory & Practice of the European Convention on Human Rights**, 4th Edit, 2006, pg 133);

Illi f'ghadd ta' sentenzi moghtijin f'dawn l-ahhar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, gew stabiliti principji li ghandhom jigu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu ghad-dispozizzjoni tieghu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-principji wiehed isib li (a) meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal tali mezzi qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuza l-Qorti biex tqis jekk ghandhiex twettaq is-setghat taghha li tisma' kawza ta' natura kostituzzjonali ghandha torbot, sakemm ma tingiebx xi raguni serja u gravi ta' illegalita', ingustizzja jew zball manifest fl-uzu taghha; (c) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-uzu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull kaz jehtieg jigi mistharreg fuq ic-cirkostanzi tieghu; (d) in-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtaghha li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent ghall-ilment tieghu; (e) in-nuqqas ta' tehid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien ghal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent - minhabba l-imgiba ta' haddiehor m'ghandux ikun raguni biex il-Qorti twarrab is-setghat taghha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent (**Victor Bonavia vs L-Awtorita tal-Ippjanar et**, PA Kost 09/02/2000); (f) l-ezercizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni taghha bla ma tistharreg il-materja necessarja li fuqha tali diskrezzjoni ghandha titwettaq, jaghti lil Qorti tat-tieni grad is-setgha li twarrab dik id-diskrezzjoni (Ara **Vella vs Bannister et**, Kost 07/03/1994 (Kollez. Vol: LXXVIII.i.48) u **Visual & Sound Communications Ltd. vs Il-Kummissarju tal-Pulizija et**, Kost 12/12/2002); u (g) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu iehor jew meta s-smigh tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indagni gudizzjarja u l-process l-iehor tas-smigh tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali ghandha ttendi lejn ir-rifjut li tuza s-setghat taghha kostituzzjonali, sakemm l-indagni gudizzjarja tal-kaz ma tkunx, min-natura taghha, ixxaqleb izjed lejn kwestjoni kostituzzjonali (Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija, PA Kost 29/10/1993 (mhix pubblikata);

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti taghzel li tiehu jekk twettaqx jew le s-setghat taghha kostituzzjonali biex tisma' kawza ghandha tigi ezercitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setghat (**David Axiaq vs Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku**, Kost 14/05/2004);

Illi fil-qasam tal-istharrig tal-ezistenza ta' rimedji ohrajn xierqa, jinsab stabilit li "With respect to the way in which and the time-limits within which proceedings must be instituted, national law is decisive. If in his appeal to a national court an applicant has failed to observe the procedural requirements or the time-limits, and his case has accordingly been rejected, the local remedies rule has not been complied with. ... The interpretation and application of the relevant provisions of national law in principle belong to the competence of the national authorities concerned" (Van Dijk, van Hoof, van

Rijn, Zwaak op cit, pg 134). Dak li jinghad dwar it-tehid tar-rimedji quddiem l-awtoritajiet nazzjonali qabel ma wiehed jista' jmexxi kaz quddiem il-Qorti ta' Strasbourg (Ara art. 35(1) tal-Konvenzjoni) jidher li jista', fil-qafas generali, jghodd ukoll ghall-kwestjoni tat-tehid tar-rimedji "ordinarji" qabel ma wiehed imexxi 'l quddiem bil-procedura specjali tal-ilment dwar ksur ta' jedd fondamentali quddiem il-Qrati nazzjonali;

Illi l-kejl determinanti dwar l-accettabilita' ta' rimedju bhal dak jibqa' dejjem dak ta' kemm huwa effettiv ir-rimedju li jista' jinghata. Ghalhekk, kien hemm kazijiet fejn ir-rimedju amministrattiv tqies bhala wiehed li jindirizza sewwa l-ilment imressaq mir-rikorrent (ukoll fejn l-allegazzjoni kienet ta' ksur ta' jedd "konvenzjonali") (Ara, per ezempju, **Emanuel Ciantar vs Kummissarju tal-Pulizija**, Kost 02/11/2001) (u ghalhekk jiggustifika li l-Qorti "kostituzzjonali" taghzel li ma twettaqx is-setghat taghha straordinarji), imma kien hemm kazijiet ohrajn ukoll fejn tali rimedju ma tqiesx bhala wiehed effettiv (Ara per ezempju **David Axiaq vs Awtorita tat-Trasport Pubbliku**, Kost 14/05/2004);

Illi, minbarra dan, jidher li l-kwestjoni marbuta mal-ezawriment tal-proceduri 'ordinarji' qabel ma wiehed jersaq ghar-rimedju 'kostituzzjonali' jew 'konvenzjonali' jridu jitqiesu wkoll minn jekk ir-rimedji ezistenti jitqisux fihom infushom tajbin bizzejjed biex ma joholqux ilmenti godda ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali meta wiehed iqis jekk ghandux jirrikorri ghalihom. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li ma tistax tinjora l-kejl suggerit mill-Qorti ta' Strasbourg fejn jidhol dan l-element ta' ezawriment ta' rimedji domestici ordinarji, kif stabilit dan l-ahhar f'kawzi li jolqtu lil Malta (Ara **Brincat et vs Malta**, Q.E.D.B. 24/10/2014 (Applik. Nri. 60908/11 u 62110/11 et) §§ 64, 68 u 72);

L-artikolu 469A(4) tal-Kap. 12 ukoll jaghti lil Qorti d-diskrezzjoni li ma tezercitax il-poter taghha u tisma l-kawza meta jigi pruvat li l-attur kellu rimedju ordinarju xieraq u effettiv. Il-parametri uzati f'kaz ta' kawza kostituzzjonali japplikaw bl-istess mod f'kawza ta' stharrig ta' ghemil amministrattiv.

L-attur jsostni fil-premessi tieghu, illi meta hu nghata l-ittra tal-Kunsill bid-decizjoni tal-Ministru li jilqa' r-rakkommandazzjni ta' tnehhija tal-warrant f'Dicembru 2015 kien ghadda z-zmien moghti ghall-appell cioe 21 jum mid-data tal-avviz li jinghata lil Ministru bir-rakkommandazzjoni tal-istess Kunsill. Skond hu r-rakkommandazzjoni nghatat lil Ministru wara t-22 ta' Ottubru 2015 data li l-attur kellu fl-ittra li rceva minghand il-Kunsill fit-28 ta' Ottubru 2015. Skond l-attur dan hu lesiv tad-dritt ghal smigh xieraq (art. 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni). In oltre l-inkjesta kontra l-attur tmexxiet mill-Ministru li finalment kien ser jiddeciedi fuq ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill u ghalhekk il-process kien jippekka fl-indipendenza u

imparzjalita. Izid li r-rakkommandazzjoni kienet zbaljata ghax bazata fuq applikazzjoni retroattiva ta' regolamenti li ma kienux japplikaw ghalih u ghalhekk ultra vires. Jghid ukoll illi r-rakkommandazzjoni kienet wahda zbaljata u irragonevoli stante li gew injorati fatti li kienu jmorru kontra s-sejbin tal-Kunsill. Apparti dan, il-konvenuti mxew b'mod diskriminatorju meta ma hadux passi kontra ghalliem iehor li hu qed jikser l-etika u r-regolamenti li l-attur kien irraporta u minflok mexxew kontrih. Dan irendi d-decizjoni bhala abbusiva u msejjsa fuq ragunijiet mhux xierqa, u dan kontra li jrid l-artikolu 41 u 45 tal-Kostituzzjoni u artikolu 14 tal-Konvenzjoni, kif ukoll l-artikoli 6 u 10 u l-artikolu 1 ta' Protokoll 1 tal-Konvenzjoni.

Il-Qorti tibda billi tassenjala dak li jghid l-artikolu 32(1)(2) tal-Kap. 327:

> 32. (1) Kull persuna li thossha aggravata b'decizjoni tal-Ministru, li jkun iddecieda skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill, li biha jichad talba ghal warrant, jew meta ma tkunx giet notifikata lill-applikant id-decizjoni fiz-zmien stabbilit fl-artikolu 29, jew li biha jigi sospiz jew imhassar warrant, taht id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, tista', fi zmien wiehed u ghoxrin jum mill-avviz li jinghata lill-Ministru, tappella lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva skont id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli maghmula tahtu.
>
> (2) Ghalkemm ikun sar appell skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-warrant jitqies sospiz jew imhassar, skont il-kaz, pendenti d-decizjoni finali dwar kull appell li jista' jsir mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva skont id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva u xi regolamenti applikabbli maghmula tahtu.

Bhala punt ta' dritt hu propizju dak li intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fl-ismijiet **Publius Grech vs Direttur tas-Sigurta Socjali** (10/10/2005):

> Jibda biex jigi registrat b' introduzzjoni preliminari illi ghal dik li hi d-dixxiplina interpretativa, valevoli ghas-setturi kollha tad-dritt, il-ghan ta' l-interpretazzjoni huwa ddeterminazzjoni tal-volonta` tal-legislatur in kwantu nkorporata fit-test tad-disposizzjonijiet. Jezistu diversi kriterji interpretativi biex tigi individwata din il-volonta`, lewwel fosthom dik letterali konsistenti fid-determinazzjoni tat-tifsira tal-kliem in bazi ghal valur semantiku taghhom skond l-uzu lingwistiku generali. Certi kummentaturi bhal **Trabucchi** ("Istituto di diritto civile", 41, ret. 1) jiddistingwu f' dan il-kriterju zewg fazijiet, (i) dik lessikali u (ii) dik grammatikali, relattivi, il-wahda, ghas-sinifikat tal-kelma "in se" u l-ohra ghas-sinifikat li din il-kelma tassumi fil-kunest tal-proposizzjoni normattiva skond ir-regoli grammatikali u sintattici. Naturalment f' kaz bhal dan hi dejjem ippreferuta l-interpretazzjoni logika li l-aktar tikkorrispondi ghar-rabta tas-sinjifikati rizultanti mid-diversi partijiet ta' listess disposizzjoni jew tad-diversi disposizzjonijiet tal-ligi, intiz dan bhala kumpless dotat minn sens organiku u intelligibbli dirett ghal certu skop;

> Ferma din l-introduzzjoni, jokkorri li jigi registrat ukoll dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet "**Emmanuele Micallef -vs- Vincent Scerri**", 15 ta' Mejju 1953 (Kollez. Vol. XXXVII P I p 176), u cjoe "billi hija regola ta' interpretazzjoni li ebda ligi ma ghandha titqies kontradittorja fiha nnifsiha, meta jkun hemm dubju fuq hekk, huwa kompitu tal-gudikant li jindaga u jinterpreta ssens skond l-intenzjoni tal-legislatur u b' quddiem ghajnejh ir-ragunijiet li gieghlu lil-legislatur jiddetta l-ligi. Ilgudikant ghalhekk ghandu jirrikorri ghall-mens legis biex jaghti dik l-interpretazzjoni li tikkorrispondi ghall-ispirtu informatur tal-ligi";

Fl-istess sens inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet **Agent Kummissarju tal-Artijiet vs Carmela Xuereb** (23/01/2009):

> In tezi generali ghall-interpretazzjoni ta' ligi wiehed ghandu jhares ghall-kumpless tal-fini persegwit mil-legislatur. Mhux bizzejjed is-semplici determinazzjoni precettiva kontenuta f'disposizzjoni singolari. Anzi, pjuttost, l-interpretazzjoni li kellha tigi preferita kellha tkun dik li l-aktar tikkorrispondi ghall-ghaqda tas-sinjifikati rizultanti mill-konsiderazzjoni tad-diversi partijiet ta' l-istess disposizzjoni jew tad-diversi disposizzjonijiet ta' l-istess ligi u li kapaci jaghtu sens organiku u intelligibbli ghall-iskop determinat.

Stabbilit dan il-Qorti hi tal-fehma li dan l-artikolu ghandu jiftiehem fis-sens illi wara li jkun hemm id-decizjoni tal-Ministru li jkun iddecieda skond ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill tal-Ministru, il-persuna aggravata ghandha 21 jum biex tappella minn tali decizjoni. Il-Qorti hi skuntenta bl-ghazla tal-kliem fl-artikolu billi l-ligi l-ewwel titkellem fuq id-decizjoni tal-Ministru u iktar tard torbot il-21 jum fuq 'avviz' <u>lil</u> Ministru li skond l-intimati tfisser ir-'rakkommandazzjoni' ghax il-Kunsill ighaddi rakkommandazzjoni lil Ministru. Jidher mill-atti illi r-rakkommandazzjoni saret fit-22 ta' Ottubru 2015 u kopja intbaghtet lil Ministru, id-Dipartiment tal-Edukazzjoni u l-attur. Tal-ahhar irceviha fit-28 ta' Ottubru 2015. Hi l-fehma tal-Qorti illi l-kelma 'avviz' fl-artikolu 32(1) hi sfortunata ghax ma tintrabat ma ebda procedura senjalata fl-istess artikolu. L-artikolu 32(1) jorbot id-dritt tal-appell minn decizjoni tal-Ministru u ghalhekk il-Qorti tqis illi d-dritt tal-appell ghandu jiskatta meta l-persuna aggravata tkun giet notifikata bid-decizjoni tal-Ministru mhux meta ssir ir-rakkommandazzjoni, billi dan hu l-kliem tal-ligi u d-decizjoni tal-Ministru hi dik li torbot lil attur billi l-Ministru ghandu d-diskrezzjoni ibiddel ir-rakkommandazzjoni tal-Kunsill.

Jidher li l-attur fehem din is-sitwazzjoni anomala tant li talab mill-ewwel lil Kunsill fuq id-dritt tieghu ghal appell mir-rakkommandazzjoni, pero wara li ha parir legali hu

naqas lli jappella billi stenna d-decizjoni tal-Ministru. Din id-decizjoni waslet ghandu fil-5 ta' Dicembru 2015 b'ittra tal-Kunsill tal-1 ta' Dicembru 2015. Hi l-fehma tal-attur nonostante l-ittra tal-Kunsill li nfurmatu bid-decizjoni tal-Ministru, l-attur ippretenda li l-Ministru jikkomunika mieghu direttament bid-decizjoni tal-istess Ministru. Id-decizjoni hadd ma hu jinnega li ttiehdet u hi pruvata b'mod car mill-Kunsill li rceva d-decizjoni pozittiva tal-Ministru billi iffirma fuq ir-rakkommandazzjoni. Ma hemm xejn fil-ligi li jirrikjedi li l-persuna aggravata tigi notifikata b'ittra personali tal-Ministru izda li d-decizjoni tal-Ministru li ttiehdet tigi komunikata lilu. Hekk sehh fil-5 ta' Dicembru 2015 u ghalhekk l-attur kellu 21 jum biex jappella u dan naqas li jaghmlu bla raguni valida izda ghaliex hass u insista li l-Ministru kellu jinnotifikah personalment bid-decizjoni tieghu. Hi l-fehma tal-Qorti illi l-attur kellu rimedju ordinarju kontra d-decizjoni mehuda kontrih u ma hadhiex bi htija unika u irragonevoli tieghu. In oltre jekk l-attur kien incert bid-dicitura sfortunata tal-ligi ma kien hemm xejn li josta li jaghmel appell kemm wara r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill ricevuta minnu u jtenni l-istess wara li rceva l-ittra li l-Ministru kien approva r-rakkomandazzjoni. Hekk zgur ma kienx ikollu d-dilemma li d-dicitura tal-ligi poggietu fih.

Il-Qorti pero xorta trid tqis jekk ir-rimedju li toffri l-ligi kienx wiehed effettiv, prattiku u xieraq fic-cirkostanzi. L-artikolu 32 tal-Kap. 327 jaghti dritt ta' appell mid-decizjoni tal-Ministru quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva kostitwit permezz tal-Kap. 490 cioe l-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva. Dan it-Tribunal fil-fehma tal-Qorti jaghti rimedju wiesa, xieraq u effettiv ghal lanjanzi kollha tal-attur. Hu presedut minn Magistrat li ghandu l-jedd jisma l-ilmenti kollha ta' fatt u dritt b'rispett lejn il-principji tal-gustizzja naturali, b'access ghal informazzjoni kollha rilevanti li ghandha tkun disponibbli ghal partijiet kollha u jaghti r-rimedji skond dak mitlub u kontestat bil-poteri li ghandha l-Prim Awla tal-Qorti Civili. Mhux hekk biss izda kemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell mid-decizjoni tat-Tribunal.

Il-kontestazzjoni tal-attur, oltre il-kwistjoni ta' meta jsir appell a bazi tal-artikolu 32 tal-Kap. 327, tirrigwarda kollha kemm hi r-rakkommandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Professjoni tal-Ghalliema approvata mill-Ministru tal-Edukazzjoni fil-mertu taghha, kwistjoni li setghet giet ampjament indirizzata mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

B'hekk il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tal-konvenuti illi l-attur naqas li jiehu r-rimedju ordinarju moghti bil-ligi hu fondat u din il-Qorti ma thossx li ghandha tippermetti li l-attur juza dawn ir-rimedji ta' natura straordinarja meta l-attur naqas jutilizza r-rimedju normali li kien effettiv u accessibbli minghajr ma kellu raguni valida ghaliex kien hemm dan in-nuqqas.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha ta' gurisdizzjoni ghal kaz billi l-attur kellu rimedju ordinarju disponibbli moghti lilu mill-ligi u naqas li jiehdu. Spejjez ghall-attur.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur